Alan kien  ilu juri li hemm xi ħaġa li kienet qed tkiddu ħafna. Minn barra kien jagħti x'wieħed jifhem li kollox kien miexi sew, imma mbagħad kważi qatt ma kien ikollu x'jiekol sew fil-*break*. Kien jgħid li kien jieħu *breakfast* tajjeb u allura ma jkollux għalfejn iġib ħafna *lunch* miegħu l-iskola. Imma l-ħarsa tiegħu lejn il-*lunch* tat-tfal kien juri mod ieħor.

Xi ħaġa oħra li kellu kienet li qatt ma kien joħroġ mal-klassi meta kien ikollhom xi *outing*. Daqqa kien jgħid li hu marid, oħra li nesa jgħid lil ommu .... insomma dejjem b'xi skuża.

Darba ġratlu biċċa li kulħadd baqa' skantat u fl-istess ħin tħassru bil-kbir. Waqt il-*break,* meta kulħadd kien fil-bitħa, ġhu tela' fil-klassi u minn gol-basket tal-għalliema ħa *cereal bar.* Li ma ndunax kien li l-għalliema li kienet wara tal-klassi ratu u waqfitu: "Le, Miss, xejn ma ħadtlek! Ħadt biss *cereal bar* għax għandi ħafna ġuħ!"

Minn dak inhar il-ħajja ta' Alan inbidlet għax sħabu bdew jgħinuh tassew......